Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
BOBEK
ippreżentati fit-3 ta' Diċembru 2020[1]

**Kawża C-470/19**

**Friends of the Irish Environment Ltd**
**vs**
**Commissioner for Environmental Information,**
**intervenjent:**
**The Courts Service of Ireland**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-High Court (il-Qorti Għolja (l-Irlanda))

"Talba għal deċiżjoni preliminari — Aċċess għat-tagħrif ambjentali miżmum mill-awtoritajiet pubbliċi — Konvenzjoni ta' Aarhus — Direttiva 2003/4/KE — Kunċett ta' 'aġir f'kapaċità ġudizzjarja'"

## I. Introduzzjoni

1. Friends of the Irish Environment Ltd hija organizzazzjoni mhux governattiva. Hija talbet aċċess ta' terzi għal rekords tal-qorti ta' kawża magħluqa relatata mal-għoti ta' permess tal-ippjanar għall-bini ta' turbini tar-riħ ġewwa County Cork (l-Irlanda). Dik it-talba ġiet miċħuda. Id-deċiżjoni taċ-ċaħda qalet li l-istituzzjoni li żżomm ir-rekords tal-qorti, li skont id-dritt nazzjonali kienet il-Courts Service of Ireland (id-Dipartiment Amministrattiv għall-Qrati tal-Irlanda), għamlet hekk f'"kapaċità ġudizzjarja" f'isem il-ġudikatura. Meta aġixxiet f'tali kapaċità, dik l-istituzzjoni ma kinitx "awtorità pubblika" fis-sens tad-Direttiva 2003/4/KE[2].

2. Huwa f'dan il-kuntest li l-High Court (il-Qorti Għolja, l-Irlanda) tfittex li tiddetermina l-għan tal-kunċett ta' "kapaċità ġudizzjarja" bil-għan li jiġi ddefinit il-kunċett ta' "awtorità pubblika" fis-sens tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/4. B'mod iktar ġenerali, id-domanda tqum sa liema punt il-qrati huma suġġetti għall-obbligi imposti minn dik id-direttiva, u għalhekk ukoll għal dawk imposti mill-Konvenzjoni ta' Aarhus, sabiex jagħtu aċċess għat-tagħrif ambjentali fuq talba tal-membri tal-pubbliku?

[1] Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

[2] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Diretiva tal-Kunill 90/313/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 7, p. 375).

## II. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Id-dritt internazzjonali*

3. Il-Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Aarhus") hija konvenzjoni internazzjonali li għandha l-għan li tagħti drittijiet lill-pubbliku, u timponi fuq il-firmatarji tagħha u l-awtoritajiet pubbliċi tagħhom obbligi rigward aċċess għat-tagħrif, parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet, u aċċess għall-ġustizzja relatat mal-kwistjonijiet ambjentali. Kienet iffirmata minn dik li kienet il-Komunità Ewropea fl-1998 u ġiet sussegwentement approvata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE [3].

4. Il-preambolu tal-konvenzjoni jipprovdi, in parti, kif isegwi:

"U li b'dan jaspiraw biex iżidu r-responsabbiltà u t-trasparenza fir-rigward tat-teħid ta' deċiżjonijiet u biex isaħħu l-appoġġ pubbliku f'dak li jirrigwarda d-deċiżjonijiet dwar l-ambjent,

Filwaqt li jirrikonoxxu li huwa mixtieq li jkun hemm it-trasparenza fl-oqsma governattivi kollha u filwaqt li jistiednu lill-korpi leġiżlattivi biex jimplimentaw il-prinċipji ta' din il-konvenzjoni fil-proċeduri tagħhom" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

5. L-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni ta' Aarhus jiddefinixxi l-kunċett ta' "awtorità pubblika" bħala:

"(a) amministrazzjoni governattiva f'livell nazzjonali, reġjonali jew f'livell ieħor;

(b) il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jwettqu, bis-saħħa tal-liġijiet nazzjonali, funzjonijiet amministrattivi pubbliċi, inklużi kompiti, attivitajiet jew servizzi partikolari relatati mal-ambjent;

(c) kull persuna fiżika jew ġuridika oħra li jkollha responsabbiltajiet jew funzjonijiet pubbliċi, jew li tipprovdi servizzi pubbliċi relatati mal-ambjent taħt l-awtorità ta' korp jew ta' persuna li taqa' taħt il-kategoriji msemmija fil-punti preċedenti (a) u (b);

(d) l-istituzzjonijiet ta' kwalunkwe organizzazzjoni ta' integrazzjoni ekonomika reġjonali msemmija fl-Artikolu 17 li hija parti għal din il-konvenzjoni.

Din id-definizzjoni ma tinkorporax il-korpi jew l-istituzzjonijiet li jaġixxu f'kapaċità ġudizzjarja jew leġiżlattiva." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

[3] Deċiżjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Frar 2005 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali (ĠU 2006, L 164M, p. 17) (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni ta' Aarhus").

### *B. Id-dritt tal-Unjoni*

6. Id-Direttiva 2003/4 ssostitwixxiet id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE[4] sabiex isir allinjament tad-dritt tal-Unjoni mat-test tal-Konvenzjoni ta' Aarhus u tneħħi d-diskrepanzi bejn il-liġijiet tal-Istati Membri li jikkonċernaw aċċess għat-tagħrif ambjentali miżmum mill-awtoritajiet pubbliċi[5].

7. Skont l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2003/4, l-għanijiet ta' dik id-direttiva huma, l-ewwel, "li jiġi ggarantit id-dritt għall-aċċess tat-tagħrif dwar l-ambjent li jkun għand l-awtoritajiet pubbliċi jew miżmum għalihom, u li jiġu ddikjarati t-termini u l-kondizzjonijiert bażiċi ta' l-eżerċizzju tiegħu u l-arranġamenti prattiċi għalih"; u t-tieni "li jiġi żgurat illi, bħala ħaġa naturali, it-tagħrif dwar l-ambjent jiġi magħmul disponibbli u jixxerred b'mod progressiv fost il-pubbliku sabiex jinkisbu id-disponibbiltà u t-tixrid l-iktar wiesa' possibbli tat-tagħrif dwar l-ambjent fost il-pubbliku".

8. Permezz tal-Artikolu 2(2) ta' dik id-direttiva:

"'Awtorita pubblika' għandha tfisser:

(a) l-amministrazzjoni governattiva jew amministrazzjoni oħra pubblika, inklużi l-korpi pubbliċi konsultattivi fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali;

(b) kull persuna naturali jew legali li jwettqu funzjonijiet amministrattivi pubbliċi skond il-liġijiet nazzjonali, inklużi d-dmiritjiet, l-attivitajiet jew is-servizzi speċifiċi fejn jidħol l-ambjent; u

(ċ) kull persuna naturali jew legali li jkollhom responsabbiltajiet jew funzjonijiet pubbliċi, jew li jipprovdu servizzi pubbliċi, li jkollhom x'jaqsmu ma' l-ambjent taħt il-kontroll ta' korp jew persuna li jidħlu fil-(a) jew fil-(b).

L-Istati Membri jistgħu jipprovdu illi din id-definizzjoni ma għandhiex tinkludi korpi jew istituzzjonijiet meta jaġixxu f'kapaċità ġudizzjali jew leġislattiva. Jekk id-disposizzjonijiet kostituzzjonali tagħhom fid-data ta' l-adozzjoni ta' din id-Direttiva ma jagħmlu l-ebda disposizzjoni għall-proċedura tar-rivista fit-tifsira ta' l-Artikolu 6, l-Istati Membri jistgħu jeskludu dawn il-korpi jew istituzzjonijiet minn din id-definizzjoni."

### *C. Id-dritt nazzjonali*

9. Ir-Regolamenti 2007 sa 2018 dwar il-Komunitajiet Ewropej (Aċċess għat-Tagħrif dwar l-Ambjent) (S.I Nru 133 tal-2007 u S.I. Nru 309 tal-2018) (iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti AIE") jittrasponu d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/4 fid-dritt Irlandiż. Fil-qosor, l-Artikolu 3(1) tagħhom jittrasponi l-Artikolu 2(2) ta' dik id-direttiva.

10. Skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolamenti AIE, l-Irlanda teskludi mid-definizzjoni ta' "awtorità pubblika" "kull korp meta jaġixxi f'kapaċità ġudizzjarja jew leġiżlattiva".

[4] Direttiva tal-Kunsill tas-7 ta' Ġunju 1990 dwar l-aċċess ħieles għall-informazzjoni dwar l-ambjent (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 1, p. 402).

[5] Premessi 6 u 7 tad-Direttiva 2003/4.

## III. Il-fatti, il-proċeduri nazzjonali u d-domanda preliminari

11. Fil-25 ta' Frar 2016, il-High Court (il-Qorti Għolja) tat is-sentenza tagħha fil-kawża Balz & Heubach vs An Bord Pleanala ([2016] IEHC 134]). Dik il-kawża kkonċernat kontestazzjoni għal deċiżjoni ta' korp pubbliku li ta permess tal-ippjanar għall-kostruzzjoni tat-turbini tar-riħ ġewwa County Cork.

12. Fid-9 ta' Lulju 2016, Friends of the Irish Environment (iktar 'il quddiem ir-"rikorrenti") kitbet lir-reġistru tal-High Court (il-Qorti Għolja) sabiex titlob kopji tat-talbiet, affidavits, provi u sottomissjonijiet bil-miktub ippreżentati mill-partijiet kollha, kif ukoll id-digrieti definittivi, minn dik il-kawża (iktar 'il quddiem ġeneralment ir-"rekords tal-qorti"). Dik it-talba kienet saret skont il-Konvenzjoni ta' Aarhus, id-Direttiva 2003/4, u r-Regolamenti AIE. Fiż-żmien tal-imsemmija talba, l-ebda appell kontra s-sentenza fil-kawża Balz & Heubach vs An Bord Pleanala ma kien pendenti.

13. L-amministrazzjoni tar-reġistru tal-High Court (il-Qorti Għolja) hija fdata lil uffiċjal tal-qorti nnominat mill-Courts Service of Ireland (id-Dipartiment Amministrattiv għall-Qrati tal-Irlanda, iktar 'il quddiem id-"Dipartiment Amministrattiv għall-Qrati"). Wara konsultazzjoni mal-President tal-High Court (il-Qorti Għolja), id-Dipartiment Amministrattiv għall-Qrati ċaħad it-talba tar-rikorrenti fit-13 ta' Lulju 2016. Huwa bbaża dik id-deċiżjoni, *inter alia*, fuq il-fatt li r-Regolamenti AIE ma jestendux sabiex ikopru "proċeduri tal-qorti jew dokumenti legali ppreżentati fil-proċeduri tal-Qorti".

14. Fit-18 ta' Lulju 2016, ir-rikorrenti talbet li d-Dipartiment Amministrattiv għall-Qrati jagħmel reviżjoni ta' dik id-deċiżjoni. Peress li ma waslet l-ebda risposta fi żmien perijodu ta' żmien stabbilit, ir-rikorrenti kienet intitolata li tappella quddiem il-Commissioner for Environmental Information (il-Kummissarju għat-Tagħrif Ambjentali (iktar 'il quddiem il-"konvenut"). Hija ppreżentat l-appell tagħha fil-15 ta' Settembru 2016.

15. Fid-19 ta' Ġunju 2017, il-konvenut kiteb lir-rikorrenti li deċiżjoni diġà kienet ittieħdet f'kawża simili (Kawża CEI/15/0008 An Taisce & The Courts Service). Filwaqt li enfasizza li kull każ sejjer jiġi ddeterminat fuq il-mertu, il-konvenut talab lir-rikorrent sabiex tidentifika kwalunkwe raġuni li tiġġustifika deċiżjoni differenti fir-rigward tat-talba għall-aċċess għar-rekords tal-qorti f'Balz & Heubach vs An Bord Pleanala.

16. B'risposta tas-26 ta' Lulju 2017, ir-rikorrenti ssottomettiet ir-raġunijiet tagħha li żżomm l-appell.

17. Fil-31 ta' Lulju 2017, il-konvenut ċaħad l-appell. Ikkonkluda li d-Dipartiment Amministrattiv għall-Qrati jżomm ir-rekords mitluba, inkluż dawk fil-proċeduri konklużi, filwaqt li jaġixxi "f'kapaċità ġudizzjarja" f'isem il-ġudikatura. Għalhekk, id-Dipartiment Amministrattiv għall-Qrati ma kienx "awtorità pubblika" fis-sens tal-Artikolu 3(1) tar-Regolamenti AIE.

18. Ir-rikorrenti kkontestat dik id-deċiżjoni quddiem il-High Court (il-Qorti Għolja). Ikkunsidrat li d-deroga għall-korpi jew istituzzjonijiet li jaġixxu "f'kapaċità ġudizzjarja", kif previst fl-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/4 u trasposti fl-Artikolu 3(1) tar-Regolamenti AIE, ma tkoprix ir-rekords tal-kawżi magħluqa.

19. Peress li kellha dubji dwar l-interpretazzjoni korretta tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/4, il-High Court (il-Qorti Għolja) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u tagħmel id-domanda preliminari segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"Il-kontroll tal-aċċess għall-fajls ġudizzjarji relatati ma' proċeduri li fihom ingħatat deċiżjoni definittiva, it-terminu għall-preżentata ta' appell skada u l-ebda appell jew applikazzjoni oħra ma hija pendenti, iżda fejn applikazzjonijiet oħra f'ċirkustanzi speċifiċi għadhom possibbli, jikkostitwixxi eżerċizzju ta' 'kapaċità ġudizzjarja' fis-sens tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva [2003/4]?"

20. Osservazzjonijiet bil-miktub kienu ssottomessi mir-rikorrenti, mill-konvenut, mid-Dipartiment Amministrattiv għall-Qrati, mill-Gvern Irlandiż u dak Pollakk, kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea. Dawk il-partijiet ippreżentaw ukoll sottomissjonijiet orali waqt is-seduta li nżammet nhar is-16 ta' Settembru 2020.

## IV. Analiżi

21. Dawn il-konklużjonijiet huma strutturati bil-mod segwenti. Sejjer nibda bil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/4 (A). Imbagħad sejjer indur għall-kunċett meta "awtorità pubblika" taġixxi "f'kapaċità ġudizzjarja" (B). Fid-dawl ta' dan, sejjer nindirizza d-domanda preliminari magħmula mill-qorti tar-rinviju (C). Fl-aħħar nett sejjer nikkonkludi b'diversi kummenti dwar il-kuntest iktar wiesa' (D).

22. Din il-kawża tikkonċerna korp kemxejn speċifiku fi Stat Membru: id-Dipartiment Amministrattiv għall-Qrati tal-Irlanda. Fl-osservazzjonijiet tiegħu ppreżentati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, dak il-korp iddeskriva ruħu bħala "entità korporattiva b'personalità legali u kompetenza kemxejn separata u distinta" mill-uffiċini tal-qrati tal-Irlanda. L-attivitajiet tiegħu jinkludu l-ħażna, l-arkivjar u t-treġija tar-rekords tal-qrati tal-kawżi (pendenti jew magħluqa).

23. Il-fatt li dan il-każ jikkonċerna struttura istituzzjonali mhux eżattament komuni fi Stat Membru wieħed, li permezz tiegħu qrati nazzjonali huma assistiti minn korp tad-dritt privat maħluq għal għan speċifiku, ma għandux inaqqas mill-fatt li l-kwistjoni mqajma hija ġenerali rigward in-natura. L-amministrazzjoni tal-proċessi tal-qorti, pendenti jew magħluqa, jistgħu fl-Istati Membri varji jiġu assenjati lil korpi differenti, minn ġestjoni diretta u ħażna tal-proċessi minn kull qorti nnifisha, sa amministrazzjoni ċċentralizzata tal-proċessi minn istituzzjonijiet oħra. Dawn l-istituzzjonijiet tal-aħħar jistgħu jvarjaw għal darba oħra mill-Ministeru għall-Ġustizzja jew mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ġudikatura sa korpi jew istituzzjonijiet oħra ddedikati għal dan. Jista' anki jkun hemm kompetenza istituzzjonali dipendenti mill-istatus tal-proċess, bil-proċessi pendenti amministrati mill-qrati nnifishom, bil-proċessi magħluqa, wara ċertu żmien, jiġu mgħoddija għal faċilità ċentrali ta' ħażna.

24. Fi kliem ieħor, jista' jkun hemm ħafna aspetti għall-amministrazzjoni tar-rekords tal-qorti. Għalhekk ma huwiex irrakkomandat li din il-kawża u l-kwistjonijiet mqajma minnu jiġu indirizzati permezz ta' diskussjoni ddettaljata u teknika tal-istatus (essenzjalment tad-dritt nazzjonali) tad-Dipartiment Amministrattiv għall-Qrati u l-pożizzjoni speċifika tiegħu fi ħdan l-istruttura ġudizzjarja nazzjonali. Dik il-kwistjoni hija fil-fatt sekondarja.

25. Il-kwistjoni primarja li trid tiġi indirizzata f'dan il-każ huwa preċiżament x'jikkostitwixxi l-ġestjoni tal-proċessi tal-qorti, fl-istruttura tad-Direttiva 2003/4, (speċifikament, it-tip u n-natura ta' dik l-attività), u jekk it-twettiq ta' din l-attività tistax tikkwalifika bħala aġir f'kapaċità

ġudizzjarja, fl-ewwel stadju *irrispettivament minn liema korp speċifiku* fl-Istat Membru jagħmel din l-attività. Madankollu, moħbija f'din id-domanda hemm kwistjoni oħra: kif il-kjarifika (jew deroga) tikkonċerna l-"kapaċità ġudizzjarja" fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/4 mal-parti prinċipali tat-tifsira ta' "awtorità pubblika" fil-punti (a) u (ċ) tal-ewwel subparagrafu ta' dik l-istess dispożizzjoni? Liema korpi jew partijiet tal-istrutturi tal-Istati Membri suppost għandhom ikunu koperti mid-Direttiva 2003/4 fl-ewwel lok? F'dak il-punt, wieħed jasal għall-element kruċjali ta' din il-kawża: il-qrati huma "awtoritajiet pubbliċi" fis-sens tal-Artikolu 2(2) ta' dik id-direttiva għalhekk jaqgħu potenzjalment fil-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligu li jipprovdu aċċess għal "tagħrif ambjentali" skont l-Artikolu 1(1) u l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2003/4?

26. Huwa meħtieġ li jinħareġ dik il-Matryoshka ta' definizzjoni l-istess bħalma wieħed kieku jagħmel ma kwalunkwe pupa Russa oħra: saff wara saff, sforz li sejjer indur għalih issa.

### *A. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/4/KE*

27. L-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/4 jistabbilixxi t-tifsira ta' "awtorità pubblika". Fl-ewwel subparagrafu, jistabbilixxi, fil-punti (a) sa (b), il-korpi u l-istituzzjonijiet tal-Istat li għalihom japplikaw l-obbligi imposti fuq "awtoritajiet pubbliċi". Dawk iduru madwar il-kunċett ta' "amministrazzjoni governattiva" fil-punt (a), u ta' persuni "li jwettqu funzjonijiet amministrattivi [...] fejn jidħol l-ambjent" fil-punt (b). Fil-punt (ċ), id-direttiva mbagħad tinkludi klawżola "residwa" għal "persuna naturali jew legali [...] taħt il-kontroll ta' korp jew persuna li jidħlu fil-(a) jew fil-(b)."

28. L-istruttura ta' dik id-definizzjoni fl-ewwel subparagrafu issegwi għalhekk lista pożittiva ta' entitajiet. Dik il-lista hija segwita minn tieni subparagrafu li, fl-ewwel sentenza tiegħu, jipprovdi għal deroga mill-kamp tal-applikazzjoni tad-direttiva għall-korpi jew istituzzjonijiet li "jaġixxu f'kapaċità ġudizzjali jew leġislattiva". Fit-tieni sentenza tiegħu, korpi u istituzzjonijiet li jaġixxu f'tali kapaċitajiet jistgħu mbagħad, f'ċertu ċirkustanzi, jiġu esklużi wkoll mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar l-istħarriġ ġudizzjarju tad-direttiva.

29. Hemm qbil bejn il-partijiet kollha fil-proċedura prinċipali li kontroll fuq il-proċess tal-qorti waqt li l-proċeduri jkunu pendenti jinvolvi l-eżerċizzju tal-"kapaċità ġudizzjarja". Sakemm il-proċess jibqa' "pendenti", il-qrati jkunu għalhekk eżenti mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/4.

30. It-tilwima inkwistjoni hawn hija dwar jekk ir-rekords tal-qorti humiex miżmuma mid-Dipartiment Amministrattiv għall-Qrati "f'kapaċità ġudizzjarja" wara li jingħataw deċiżjonijiet finali u l-eżawriment ta' kwalunkwe proċeduri ta' appell. Jekk dak huwa l-każ, dawk ir-rekords kieku jibqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/4.

31. Ir-rikorrenti, filwaqt li straħet fuq is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Flachglas[6], targumenta li l-kunċett ta' "awtorità pubblika" fl-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/4 għandha tiġi meqjusa bħala li tkopri essenzjalment kull korp u istituzzjoni tal-Istat, suġġetta għall-fatt li funzjoni tiġi eżegwita meta t-talba għall-aċċess titressaq. Fi kliem ieħor, taħt dik l-interpretazzjoni, l-ewwel sentenza tat-tieni subparagrafu tiegħu preċedenza fuq kwalunkwe determinazzjoni strutturali taħt l-ewwel subparagrafu. Fil-fehma tar-rikorrenti, kwalunkwe attività "f'kapaċità ġudizzjarja" hija suġġetta għal-limitazzjoni temporali, fis-sens li korpi jew

[6] Sentenza tal-14 ta' Frar 2012, Flachglas Torgau (C-204/09, EU:C:2012:71).

istituzzjonijiet jistgħu jiġu meqjusa li huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/4 sakemm jistgħu jitqiesu li qegħdin jaġixxu f'tali kapaċità. Il-Kummissjoni, b'mod wiesa', taqbel ma' dik il-pożizzjoni iżda tissuġġerixxi "evalwazzjoni każ każ" tat-talba għall-aċċess individwali.

32. Il-konvenut, id-Dipartiment Amministrattiv għall-Qrati, il-Gvern Irlandiż u dak Pollakk jiffavorixxu interpretazzjoni li tkun essenzjalment tammonta għal approċċ kemxejn "istituzzjonali" għad-definizzjoni tal-korp ikkonċernat. L-ewwel subparagrafu u l-ewwel sentenza tat-tieni subparagrafu jkollhom jinqraw flimkien mat-tifsira istituzzjonali fl-ewwel subparagrafu. Għalhekk, taħt dik it-tifsira, il-qrati bħala istituzzjonijiet ikunu dejjem esklużi mill-ewwel subparagrafu u għalhekk mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/4 peress li huma dejjem jaġixxu "f'kapaċità ġudizzjarja".

33. Minkejja mhux espressament imqajma mill-ebda parti mill-proċeduri, teżisti wkoll it-tielet possibbiltà, li kemxejn tisfuma l-approċċ istituzzjonali. Dik hija interpretazzjoni, li tippermetti għal-ewwel sentenza tat-tieni subparagrafu sabiex immedjatament tikkwalifika kwalunkwe konklużjonijiet milħuqa fuq id-denominazzjoni istituzzjonali tal-ewwel subparagrafu bir-raġuni tal-attivitajiet partikolari tal-korp ikkonċernat fiż-żmien partikolari. Għalhekk din l-interpretazzjoni tista' tiġi ddefinita bħala primarjament istituzzjonali b'aġġustament funzjonali jew korrettiva.

34. Għalhekk jidher li hemm tliet interpretazzjonijiet possibbli għall-kunċett ta' "kapaċità ġudizzjarja" fl-ewwel sentenza tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/4, u għalhekk tapplika wkoll għad-definizzjonijiet kollha fl-Artikolu 2(2) ta' dik id-direttiva b'mod sħiħ: qari ta' dak il-kunċett (i) "purament funzjonali", (ii) "primarjament istituzzjonali" u (iii) "istituzzjonali b'funzjonali korrettiva".

35. Sabiex jiġi ssuġġerit liema wieħed minn dawn it-tliet approċċi għandu jiġi ffavorit, l-ewwel għandhom jiġu indirizzati numru ta' punti loġiċi. L-ewwel, x'inhi eżattament ir-relazzjoni bejn l-ewwel u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/4 (1)? Dak jirrikjedi evalwazzjoni tal-loġika u l-istruttura tal-ewwel subparagrafu, qabel possibbilment jista' jsir rikors għad-deroga għall-attivitajiet "f'kapaċità ġudizzjarja" skont it-tieni subparagrafu (2). Wara dak, għandha tiġi eżaminata fid-dettall is-sentenza tal-kawża Flachglas[7], fuq liema l-partijiet kollha straħu sabiex waslu għal-interpretazzjonijiet (diverġenti) tagħhom fuq il-kunċett ta' "kapaċità ġudizzjarja" (3). Imbagħad biss inkun nista' ndur għal diskussjoni dwar it-tliet għażliet possibbli għall-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "kapaċità ġudizzjarja" kif jidher fid-Direttiva 2003/4 (4).

## *1. Ir-relazzjoni bejn l-ewwel u t-tieni subparagrafu*

36. Fis-sottomissjonijiet tagħhom, il-partijiet kollha għal dawn il-proċeduri jiffokaw fid-dettall fuq l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "kapaċità ġudizzjarja". Dak ċertament jinftiehem, peress li dak il-kunċett huwa fil-fatt distint fid-domanda preliminari mressqa mill-qorti tar-rinviju. Madankollu, l-kunċett ta' "kapaċità ġudizzjarja" huwa biss parti minn tifsira iktar wiesgħa ta' "awtorità pubblika" stabbilita fl-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/4. Hija tidher bħala kwalifika, kjarifika jew forsi anki deroga fit-tieni subparagrafu ta' dik id-dispożizzjoni. Huwa meħtieġ li wieħed jibda billi jiddiskuti r-relazzjoni mhux tant ovvja bejn l-ewwel u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(2) dik id-direttiva.

7 Sentenza tal-14 ta' Frar 2012, Flachglas Torgau (C-204/09, EU:C:2012:71)

37. Bħala punt inizjali, huwa neċessarju li jiġi kkjarifikat ir-relazzjoni bejn l-ewwel sentenza tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/4, u t-tieni sentenza ta' dak is-subparagrafu. L-ewwel sentenza tat-tieni subparagrafu tiġi fl-aħħar ta' klawżola li fiha d-definizzjoni ta' awtorità pubblika u speċifikament tirreferi għall-ewwel subparagrafu sabiex tispjega l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. It-tieni sentenza tal-istess subparagrafu, imbagħad, tirreferi għall-ewwel sentenza tiegħu sabiex tagħmel il-limiti tal-kamp ta' applikazzjoni tal-esklużjoni mill-proċedura tal-istħarriġ ġudizzjarju taħt l-Artikolu 6 tad-Direttiva. Li ma huwiex ċar mid-dispożizzjoni inkwistjoni hija kif għandhom jinqraw dawk iż-żewġ sentenzi: hemm bżonn ta' qari iżolat imqabbel mal-kamp ta' applikazzjoni tal-ewwel subparagrafu? Jew, kif argumentat ir-rikorrenti waqt is-seduta, iż-żewġ sentenzi għandhom jinqraw flimkien sabiex tiġi stabbilita tifsira komprensiva (u dominanti) għat-tieni subparagrafu?

38. Jidhirli li dawn iż-żewġ sentenzi tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/4 għandhom jinqraw indipendentement minn xulxin.

39. Barra l-fatt li ż-żewġ sentenzi tat-tieni subparagrafu jirreferu għall-istess korpi jew istituzzjonijiet, ma hemm l-ebda konġunzjoni jew konnessjoni li torbot iż-żewġ sentenzi flimkien. Jikkonċernaw, u huma applikabbli għal, sitwazzjonijiet distinti. Barra minn hekk il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ċċarat li t-tieni sentenza la għandha l-għan u lanqas l-effett li tillimita l-għażla mogħtija lill-Istati Membri, fl-ewwel sentenza, li teskludi korpi u istituzzjonijiet li "jaġixxu f'kapaċità ġudizzjali jew leġislattiva" mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/4[8]. Minflok, dik it-tieni sentenza kienet intiża sabiex tittratta mas-sitwazzjoni speċifika ta' ċertu awtoritajiet nazzjonali d-deċiżjonijiet ta' liema, fid-data tal-adozzjoni tad-Direttiva 2003/4, ma setgħux ikunu suġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju, skont id-dritt nazzjonali fis-seħħ, skont ir-rekwiżiti tad-direttiva. Kif ikkonfermat l-Irlanda waqt is-seduta, iżda huwa għall-qorti tar-rinviju sabiex tivverifika, tali sitwazzjoni ma tqumx għal dak l-Istat Membru.

40. Bil-kostruzzjoni interna tat-tieni subparagrafu kkjarifikat, issa huwa neċessarju li neżaminaw ir-relazzjoni bejn l-ewwel sentenza tat-tieni subparagrafu (il-kwalifika tal-"kapaċità ġudizzjarja") u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/4. Minħabba l-pożizzjoni sistematika tal-ewwel sentenza tat-tieni subparagrafu, huwa ovvju li l-effetti tagħha jiddependu fuq l-applikabbiltà tal-ewwel subparagrafu. Dan ifisser li r-rekwiżit sabiex wieħed jikkwalifika bħala "awtorità pubblika" hekk kif iddefinita fl-ewwel subparagrafu tqum loġikament *qabel* il-kwistjoni ta' jekk dik l-"awtorità pubblika" tibbenefikax mill-esklużjoni msemmija fl-ewwel sentenza tat-tieni subparagrafu.

41. Isir neċessarju li wieħed ikun ċar dwar il-loġika u l-istruttura tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/4. Wara kollox, jekk il-qrati ma ġewx inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-definizzjoni ta' "awtorità pubblika" fis-sens tal-ewwel subparagrafu ta' dik id-dispożizzjoni, kwalunkwe effett potenzjalment kwalifikanti jew superjuri tat-tieni subparagrafu fuq dik id-definizzjoni jsiru irrilevanti.

### *2. Il-qrati huma "awtoritajiet pubbliċi" skont l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/4?*

42. Ir-rikorrenti u l-Kummissjoni huma tal-fehma li l-qrati (ta' Stat Membru) jaqgħu taħt it-tifsira ta' "awtorità pubblika" fis-sens tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/4.

[8] Sentenza tal-14 ta' Frar 2012, Flachglas Torgau (C-204/09, EU:C:2012:71, punt 48).

43. L-ewwel nett, għandu jiġi mfakkar li filwaqt li d-Direttiva 2003/4 tista' forsi ma tittiħedx bħala traspożizzjoni sħiħa tal-Konvenzjoni ta' Aarhus fil-mument tal-adozzjoni tagħha, peress li hija kienet teżisti qabel l-approvazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Aarhus mill-Unjoni Ewropea fl-2005, dik il-konvenzjoni issa tifforma parti integrali mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni [9]. Il-Qorti tal-Ġustizzja għaldaqstant irrikonoxxiet li l-koleġiżlaturi kellhom l-intenzjoni li jiżguraw "kompatibbiltà" bejn id-Direttiva 2003/4 u l-Konvenzjoni ta' Aarhus [10]. Għaldaqstant, fl-interpretazzjoni tad-Direttiva 2003/4, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-formulazzjoni u l-għan tal-Konvenzjoni ta' Aarhus [11].

44. F'dan il-każ, dan ifisser li l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/4 għandu jiġi interpretat fid-dawl tal-Artikolu 2(2) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus. Iż-żewġ dispożizzjonijiet jistabbilixxu t-tifsira ta' "awtorità pubblika". Għalhekk huma jiddelimitaw il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom b'mod simili. Madankollu, ħarsa iktar mill-viċin turi li jagħmlu dan fi gradi differenti.

45. Il-punt (a) tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/4 tirreferi għal: "amministrazzjoni governattiva jew amministrazzjoni oħra pubblika, inklużi l-korpi pubbliċi konsultattivi fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali". Mill-banda l-oħra, il-punt (a) tal-Artikolu 2(2) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus tirreferi għal "amministrazzjoni governattiva f'livell nazzjonali, reġjonali jew f'livell ieħor". Ir-raġuni għal dik id-differenza fil-formulazzjoni ma hijiex apparenti mit-test jew mid-dokumenti preparatorji ta' dawk l-istrumenti.

46. B'kuntrast, il-verżjoni bl-Ingliż tal-punt (b) tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/4 u tal-Konvenzjoni ta' Aarhus huma kważi kopji eżatti ta' xulxin. It-tnejn jirreferu għal kull persuna fiżika jew ġuridika li jwettqu, bis-saħħa tal-liġijiet nazzjonali, funzjonijiet amministrattivi pubbliċi, inklużi kompiti, attivitajiet jew servizzi partikolari relatati mal-ambjent. L-istess japplika għat-tqabbil tal-punt (ċ) taż-żewġ strumenti. Hemm, ukoll, il-formulazzjoni huwa bejn wieħed u ieħor ekwivalenti. Jirreferi għal kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika oħra li jkollha responsabbiltajiet jew funzjonijiet pubbliċi, jew li tipprovdi servizzi pubbliċi relatati mal-ambjent taħt l-awtorità ta' korp jew ta' persuna li taqa' taħt il-kategoriji msemmija fil-punti preċedenti (a) u (b). Fi kliem ieħor dik id-dispożizzjoni għandha "dispożizzjoni intiża li tevita l-esternalizzazzjoni".

47. Għall-fini tal-kompletezza, fil-verżjoni bl-Ingliż, żewġ differenzi oħra joħorġu mill-kamp ta' applikazzjoni. L-ewwel, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus jinnota li d-definizzjoni pożittiva tal-Artikolu 2(2) f'dak l-artikolu "ma għandhiex tinkludi" korpi jew istituzzjonijiet li jaġixxu "f'kapaċita ġudizzjarja jew legali". Kliem *imperattiv*, fi kliem ieħor. L-ewwel sentenza tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/4, madankollu, timpjega dak fakultattiv ("jistgħu jipprovdu"). Hija għalhekk tagħti lill-Istati Membri l-għażla li jistabbilixxu fi ħdan id-dritt nazzjonali tagħhom limitu fuq il-kamp ta' applikazzjoni. It-tieni, it-tieni sentenza tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva, filwaqt li ma huwiex deċiżiv għal dan il-każ [12], ma jsib l-ebda ekwivalenti fil-Konvenzjoni ta' Aarhus.

48. Dan kollu kif jaffettwa l-kwistjoni ta' jekk il-qrati bħala istituzzjonijiet jaqgħux taħt kwalunkwe waħda mit-tliet punti tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/4?

9 Sentenza tat-8 ta' Marzu 2011, Lesoochranárske zoskupenie (C-243/09, EU:C:2011:125, punt 30).

10 Sentenza tal-14 ta' Frar 2012, Flachglas Torgau (C-204/09, EU:C:2012:71, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ara wkoll il-premessa 5 tad-Direttiva 2003/4 u d-dikjarazzjoni annessa mad-Deċiżjoni ta' Aarhus.

11 Sentenza tad-19 ta' Diċembru 2013, Fish Legal u Shirley (C-279/12, EU:C:2013:853, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).

12 Kif spjegat fid-dettall fil-punt 39 ta' dawn il-konklużjonijiet.

49. L-ebda parti ma ħadet pożizzjoni fuq dik il-kwistjoni. Waqt is-seduta, ir-rikorrenti u l-Kummissjoni kemm poġġew il-qrati fi ħdan il-punt (a) bħala parti mill-kamp ta' applikazzjoni ta' "amministrazzjoni governattiva". Id-Dipartiment Amministrattiv għall-Qrati, mill-banda l-oħra, spjega li l-qrati normalment ma jeżerċitawx "funzjonijiet governattivi" fis-sens tradizzjonali ta' dik il-frażi, lanqas li jwettqu "funzjonijiet amministrattivi [...] fejn jidħol l-ambjent" fis-sens tal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva. Barra minn hekk, peress li l-punt (ċ) tal-istess dispożizzjoni tkopri kull persuna "taħt il-kontroll" ta' korp li jidħlu taħt il-punt (a) jew (b), il-qrati bilkemm tista' titqies taħthom.

50. Għandi diffikultà li nqis "qrati" taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/4. Minkejja li qrati jistgħu, f'ċertu istanzi kemxejn limitati, fil-fatt jitqiesu bħala "kull persuna naturali jew legali li jwettqu funzjonijiet amministrattivi pubbliċi skond il-liġijiet nazzjonali" taħt il-punt (b) ta' dik id-dispożizzjoni.

51. Minn naħa, mittieħda waħedha, il-kunċett ta' "amministrazzjoni governattiva" fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus jista' jiġi miftiehem f'sens dejjaq sabiex jinkludi biss l-eżekuttiv, f'sens wiesa', bl-esklużjoni tal-ġudikatura u tal-leġiżlatura. Jekk, madankollu, iktar enfasi kellu jitpoġġa fuq il-kunċett ta' "governanza", inerenti f'"amministrazzjoni governattiva", u dik kellha tinqara fid-dawl tal-preambolu tal-konvenzjoni għall-għanjiet tal-bżonn ta' trasparenza "f'kull fergħa ta' amministrazzjoni governattiva", jista' jkun issuġġerit li l-kunċett ta' "amministrazzjoni governattiva" għandu jinkludi s-sistemi kollha ta' prinċipji u regoli li jiddeterminaw kif Stat huwa rregolat [13]. Kieku dik l-interpretazzjoni tiġi mħaddna, il-Konvenzjoni ta' Aarhus tkun tista' forsi tinqara, għall-inqas fir-rigward tat-test tagħha, bħala li tapplika għal kwalunkwe awtorità pubblika fi Stat, inkluż qrati.

52. Min-naħa l-oħra, ikun diffiċli li jinqara l-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/4 f'konformità ma' dawk l-implikazzjonijiet iktar wiesgħa ta' "governanza", peress li d-definizzjoni tagħha torbot "amministrazzjoni governattiva" ma' "amministrazzjoni oħra pubblika, inklużi l-korpi pubbliċi konsultattivi fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali". X'sens ikun hemm li jiżdied "l-amministrazzjoni governattiva *jew* amministrazzjoni oħra pubblika", jekk "amministrazzjoni governattiva" kellha tinftiehem bħala li diġà tinkludi l-poteri kollha fi Stat? Il-kategorija l-oħra "amministrazzjoni oħra pubblika, inklużi l-korpi pubbliċi konsultattivi fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali" tkun kompletament żejda. Bl-istess mod il-Gwida ta' Implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Aarhus torbot il-kunċett ta' "amministrazzjoni governattiva" ma' "poter politiku" [14].

53. Barra minn hekk, kieku piż ikbar jiġi mqiegħed fuq l-iffokar tal-konvenzjoni fuq "trasparenza fir-rigward tat-teħid ta' deċiżjonijiet" u l-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' dik il-frażi li tkopri biss "awtoritajiet amministrattivi" [15], huwa diffiċli li tiġi kkonċepita interpetazzjoni tal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(2) kif tidher mid-Direttiva 2003/4, jekk ikkuntrastata mal-għanijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, li tmur lill hinn mit-teħid tad-deċiżjonijiet fuq livell politiku (u amministrattiv). Għaldaqstant, filwaqt li huwa konċepibbli li

13 Ara wkoll il-premessa 7 tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006, li tapplika l-Konvenzjoni ta' Aarhus lill-istituzzjonijiet u korpi tal-Unjoni, u tinnota li "l-Konvenzjoni ta' Aarhus tiddefinixxi 'awtoritajiet pubbliċi' f'sens wiesa'" – Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali (ĠU 2006, L 264, p. 13).

14 Ara "Aarhus Convention: An Implementation Guide", p. 46. Dwar l-istatus tal-gwida, ara s-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2013, Fish Legal and Shirley (C-279/12, EU:C:2013:853, punt 38).

15 Ara s-sentenza tal-14 ta' Frar 2012, Flachglas Torgau (C-204/09, EU:C:2012:71, punt 40).

l-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(2) japplika għall-attivitajiet amministrattivi tal-qrati, huwa ferm iktar diffiċli li dan il-punt jiġi interpretat bħala li jestendi wkoll għall-qrati nnifishom.

54. Għaldaqstant, nemmen li l-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/4 jippermetti interpretazzjoni iktar flessibbli. Dak il-punt fittex li jkopri "kull persuna naturali jew legali li jwettqu funzjonijiet amministrattivi pubbliċi [...] inklużi d-dmiritjiet, l-attivitajiet jew is-servizzi speċifiċi fejn jidħol l-ambjent". L-użu tal-kelma "inklużi" tindika li l-persuna li twettaq dawn il-funzjonijiet mhux neċessarjament joperaw fil-qasam tal-ambjent [16], jistgħu jagħmlu hekk iżda ma hemm l-ebda obbligu għal dak l-effett. Madankollu, "funzjonijiet amministrattivi pubbliċi" għandhom tendenza jiġu assoċjati ma' eżerċizzju ta' rutina ta' awtorità governattiva iktar milli r-riżoluzzjoni tat-tilwim mill-ġudikatura ta' Stat. Madankollu, skont l-istruttura ġudizzjarja ta' Stat Membru, jista' jkun hemm sitwazzjonijiet fejn qrati jwettqu tali attivitajiet b'konnessjoni ma' korp jew istituzzjoni, fejn minkejja li istituzzjonalment msejħa qorti, ma teżerċitax funzjoni ġuridika fir-rigward ta' ċertu attività speċifika [17].

55. Globalment, nassumi li l-għan aħħari u l-ispirtu tal-Konvenzjoni ta' Aarhus għandu jillimita kwalunkwe kreattività interpretattiva li wieħed jista' jagħti lit-tifsira ta' "awtorità pubblika". Jekk l-għan globali tal-istrument huwa li jżid il-parteċipazzjoni pubblika u r-responsabbiltà fit-teħid tad-deċiżjonijiet *fil-qasam tal-ambjent* (kif jinnota l-preambolu tal-Konvenzjoni ta' Aarhus), mela l-istrument loġikament għandu jkopri dawk it-tipi ta' korpi jew istituzzjonijiet quddiem liema tali teħid ta' deċiżjonijiet effettivament iseħħ. Dan jiġifieri, *a priori* u mittieħed b'mod astratt fuq pjan istituzzjonali, la 'l fuq f'leġiżlatura (fejn ir-regoli ta' dak it-teħid ta' deċiżjoni huwa żviluppat), lanqas 'l isfel f'każijiet ta' stħarriġ ġudizzjarju (fejn il-legalità ta' deċiżjoni mittieħda tista' tiġi rreveduta u, jekk kwalunkwe irregolarità hija misjuba, ġeneralment hija mibgħuta lura lill-awtorità pubblika għal deċiżjoni ġdida).

56. Madankollu, kieku kellu jsir kategorizzazzjoni, naħseb li l-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/4 toqgħod l-aħjar. Dan huwa speċjalment jekk wieħed jara dan f'kuntrast mal-formulazzjoni iktar restrittiva tal-punt (a) tal-istess dispożizzjoni. Mhux konvint li r-rikorrenti jew il-Kummissjoni ppreżentaw każ b'saħħtu biżżejjed sabiex jissodisfa il-kwistjoni dwar jekk l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/4 kinitx intenzjonata li tinkludi l-qrati tal-Istati Membru bħala "awtoritajiet pubbliċi". Madankollu lest li nirrikonoxxi li fir-rigward ta' wħud mill-attivitajiet tagħhom, istituzzjonijiet li għandhom il-kelma "qorti" miktuba fuq l-entratura tagħhom jistgħu verament jiġu inkarigati "jwettqu funzjonijiet amministrattivi pubbliċi skond il-liġijiet nazzjonali".

57. Xi jżid ma' din l-istampa t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/4, interpretat esklużivament fuq il-bażi tal-ewwel subparagrafu ta' dik id-dispożizzjoni? Qabel ma nduru għal dik il-kwistjoni, peress li l-partijiet kollha straħu fuq is-sentenza Flachglas sabiex jistabbilixxu t-tifsira tat-tieni subparagrafu, u b'mod partikolari l-kunċett ta' "kapaċità ġudizzjarja", huwa neċessarju li l-ewwel tiġi analizzata fid-dettall dik is-sentenza.

[16] Ara wkoll "Aarhus Convention: An Implementation Guide", p. 46.

[17] Ara, pereżempju, is-sentenza tas-27 ta' April 2006, Standesamt Stadt Niebüll (C-96/04, EU:C:2006:254, punt 17).

### *3. Is-sentenza fil-kawża Flachglas*

58. Il-fatti sottostanti għas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Flachglas huma s-segwenti. Il-leġiżlatur Ġermaniż invoka l-ewwel sentenza tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/4 sabiex jipprovdi, fid-dritt nazzjonali tiegħu, li *ministeri* federali, meta jaġixxu fil-kuntest tal-proċess leġiżlattiv, ma humiex obbligati li jiżvelaw tagħrif ambjentali dwar dak il-proċess. Il-Qorti tal-Ġustizzja ġiet mitluba li tivverifika dik l-implimentazzjoni fid-dritt Ġermaniż u tispeċifika sa liema punt fiż-żmien tali ministeru jista' jeskludi mill-portata tad-drittijiet tal-aċċess għal informazzjoni ambjentali mogħtija mid-Direttiva 2003/4.

59. Il-Qorti tal-Ġustizzja sabet li l-kuntest, il-portata u l-għanijiet kemm tal-Konvenzjoni ta' Aarhus u tad-Direttiva 2003/4 juru li dawk l-istrumenti kienu intiżi sabiex jirreferu għall-"awtoritajiet pubbliċi" biss sal-punt li huma jaġixxu bħala awtoritajiet amministrattivi li jżommu tagħrif ambjentali fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom [18]. Dak joħroġ mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/4, peress li l-portata tal-ewwel sentenza ta' dik id-dispożizzjoni, moqrija fid-dawl tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, kien li l-Istati Membri jiġu awtorizzati li jeskludu mill-kamp ta' applikazzjoni ta' "awtoritajiet pubbliċi" korpi jew istituzzjonijiet li qegħdin jaġixxu "f'kapaċità ġudizzjarja jew leġiżlattiva" [19]. Sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni l-pluralità tal-proċessi sottostanti n-natura speċifika tal-organi leġiżlattivi u ġudizzjarji tal-Istati Membri [20], dik id-deroga mir-regoli ta' aċċess ġenerali għandha tiġi interpretata b'mod "funzjonali" [21].

60. Fil-każ ta' deroga skont id-dritt Ġermaniż għal ministeru li qiegħed jipparteċipa fil-proċess leġiżlattiv, dik il-funzjonalità tieqaf "sat-tmiem ta' dak il-proċess". F'dak il-punt, id-deroga mill-prinċipju ta' dritt ta' aċċess għat-"tagħrif ambjentali", previst fl-Artikolu 1 tad-Direttiva, ma tibqax iktar iġġustifikata [22].

61. Ir-rikorrenti u l-Kummissjoni ssuġġerew "qari differenti" ta' dan l-aħħar element ta' temporalità b'deroga mill-"kapaċità ġudizzjarja". Fi ftit kliem, jargumentaw li "l-leġiżlatur jibqa' leġiżlatur sakemm ikun għaddej il-proċess leġiżlattiv", u għalhekk "qrati għandhom ikunu qrati sakemm il-każ ikun pendenti".

62. Madankollu, dak ir-raġunament jinjora element fattwali kemxejn importanti tal-kawża Flachglas. Il-ministeru federali inkwistjoni kien "awtorità pubblika" b'mod ċar fis-sens tad-definizzjoni mogħtija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/4 meta t-talba għat-tagħrif ġiet ippreżentata. L-aspett *istituzzjonali* kien issodisfatt b'mod ċar. Kien biss permezz tad-deroga tal-"kapaċità leġiżlattiva" li seta' "jaħrab" temporanjament minn dan il-kamp ta' applikazzjoni. Għalhekk, korp li huwa "fi ħdan kamp ta' applikazzjoni" b'mod ċar kien permess li jkun "barra mill-kamp ta' applikazzjoni", u qamet il-kwistjoni għal "kemm żmien" kien permess li jkun hekk. Huwa f'dak il-kuntest li l-Qorti tal-Ġustizzja waslet għall-"interpretazzjoni funzjonali" tal-ewwel sentenza tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva peress li, waqt il-mument tal-aġir f'"kapaċità leġiżlattiva", il-ministeru ma kienx qiegħed jaġixxi bħala "awtorità amministrattiva" [23].

[18] Sentenza tal-14 ta' Frar 2012, Flachglas Torgau (C-204/09, EU:C:2012:71, punti 40 u 48).

[19] *Ibid.*, punti 40 sa 42.

[20] *Ibid.*, punti 44 u 49 sa 50.

[21] *Ibid.*, punt 49.

[22] *Ibid.*, punti 55 sa 56.

[23] *Ibid.*, punti 40 u 49.

63. Hija dik "l-identità doppja" jew "status maqsum" tal-ministeru li l-Qorti tal-Ġustizzja fittxet li tirrikonoxxi. Jiġifieri li l-korp jista' jkun meqjus *strutturalment* bħala fergħa tal-eżekuttiv, u għalhekk suġġett għad-Direttiva 2003/4, filwaqt li involut *funzjonalment* f'attivitajiet li huma parti mill-"proċess leġiżlattiv" protett li jaqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. Fi ftit kliem, il-kawża Flachglas essenzjalment qalet li dak li kien "istituzzjonalment inkluż" jista' "funzjonalment jiġi eskluż" temporanjament.

64. Madankollu, kif ir-rikorrenti u l-Kummissjoni jargumentaw, hija storja kemxejn differenti li wieħed jinterpreta l-kunċett ta' "awtorità pubblika" skont l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/4 (u, fil-fatt, ukoll skont il-Konvenzjoni ta' Aarhus) bħala li tirrikjedi "interpretazzjoni funzjonali", irrispettivament min-natura "strutturali" tal-korp ikkonċernat. Sabiex wieħed isegwi dik l-interpretazzjoni jkun l-istess ħaġa daqslikieku titneħħa l-lista ta' definizzjonijiet pożittivi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/4. Kieku tillimita kwalunkwe evalwazzjoni skont dik id-dispożizzjoni sabiex tapplika kriterju wieħed ta' "funzjonament", u televa l-eċċezzjoni għall-unika kundizzjoni waħdanija li tasal għall-konklużjoni aħħarija dwar l-istat ta' istituzzjoni jew korp ikkonċernat. Fi kliem ieħor, l-ewwel sentenza tat-tieni subparagrafu ikun japplika bil-mod eżatt oppost milli kien applikat fil-kawża Flachglas: mhux li tagħti esklużjoni temporanja li hija relatata mal-funzjoni, iżda minflok iġġib estensjoni istituzzjonali radikali tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/4.

65. Fil-qosor, fil-kawża Flachglas, il-Qorti tal-Ġustizzja ma qalitx, fil-fehma tiegħi, li t-tifsira sħiħa tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/4 hija biss "funzjonali", mingħajr l-ebda kunsiderazzjoni tad-dimensjoni istituzzjonali tal-ewwel subparagrafu ta' dik id-dispożizzjoni. Dik id-dimensjoni tat-tifsira kienet sempliċement mhux rilevanti għal dak il-każ għax ministeru kien "awtorità pubblika" b'mod ċar fit-tifsira tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/4. L-użu funzjonali tad-deroga tal-kapaċità leġiżlattiva kien biss użat fit-tieni pass, sempliċement sabiex jeskludi temporanjament dak li jkun fih, iżda mhux fl-ewwel pass, sabiex jiddefinixxi dak li kieku jkun fid-definizzjoni fl-ewwel lok.

### *4. L-għażliet*

66. Għalhekk, moqrija fil-kuntest proprju tagħha, la l-kawża Flachglas, lanqas fil-fatt it-test tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/4, ma jipprovdu kwalunkwe bażi għal approċċ "purament funzjonali" sostnut mir-rikorrenti u mill-Kummissjoni kif stabbilit fil-punt 31 ta' dawn il-konklużjonijiet. L-ewwel sentenza tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/4 ma tistax tiġi interpretata bħala superjuri għad-definizzjoni "strutturali" tal-ewwel subparagrafu.

67. Dak iħalli vijabbli ż-żewġ għażliet, kif stabbiliti fil-punti 32 sa 33 ta' dawn il-konklużjonijiet: "istituzzjonali" jew "istituzzjonali b'funzjoni korrettiva". Jistgħu l-qrati jiġu inklużi fl-ewwel parti tad-definizzjoni, jiġifieri bħala "awtoritajiet pubbliċi" taħt kwalunkwe mill-punti tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/4? Id-differenza ma hijiex biss sempliċement kożmetika: kieku l-qrati ma kinux "strutturalment" inklużi fl-ewwel post taħt kwalunkwe mill-punti tal-ewwel subparagrafu, imbagħad ma kien ikun hemm l-ebda bżonn sabiex jiġu "funzjonalment" esklużi permezz tal-operat tat-tieni subparagrafu.

68. Id-differenza prattika bejn iż-żewġ approċċi hija li taħt approċċ "istituzzjonali", il-qrati kieku jiġu esklużi dejjem bħala istituzzjonijiet mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/4. Taħt l-approċċ tal-"istituzzjonali b'funzjoni korrettiva", il-funzjoni eżerċitata minn qorti diġà tkun rilevanti mid-definizzjoni tagħha taħt l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/4.

69. Għalhekk, skont dan l-approċċ tal-aħħar, jekk il-kunċett ta' "funzjonijiet amministrattivi pubbliċi", fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/4 (u tal-Konvenzjoni ta' Aarhus) ġiet interpretata b'mod wiesa' sabiex tkopri wkoll qrati, dawk l-istituzzjonijiet kienu jkunu koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/4 meta *ma jeżerċitawx* l-irwol ordinarju tagħhom bħala l-ġudikatura. Fi kliem ieħor, jidħlu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva biss meta jwettqu "funzjonijiet amministrattivi pubbliċi". Madankollu, dawk il-korpi jkunu mbagħad ukoll irrikonoxxuti bħala li jkollhom "stati maqsuma", fis-sens li xi kultant jistgħu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-direttiva meta jeżerċitaw kwalunkwe funzjonijiet amministrattivi pubbliċi skont id-dritt nazzjonali.

70. Ġeneralment, l-approċċ tal-aħħar jidher preferibbli.

71. L-ewwel, "l-approċċ istituzzjonali b'funzjoni korrettiva" jipprovdi għal perspettiva flessibbli lid-diversità istituzzjonali tal-Istati Membri. Jirrikonoxxi l-multipliċità tal-funzjonijiet li l-qrati jwettqu taħt ċertu sistemi nazzjonali, u għalhekk jippermetti li l-qrati tal-Istati Membri jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva għall-"atti amministrattivi" kollha mwettqa minn dawk il-korpi. Mill-banda l-oħra, jipproteġi l-proċess ġudizzjarju billi jżomm l-attivitajiet kollha, fil-kapaċità tagħhom bħala korpi ġudikanti, barra minn dak il-kamp ta' applikazzjoni[24] peress li tali funzjonament sempliċement ma huwiex l-istess bħall-prestazzjoni ta' "funzjonijiet amministrattivi pubbliċi".

72. It-tieni, kuntrarju għall-approċċ issuġġerit mill-konvenut, id-Dipartiment Amministrattiv għall-Qrati, il-Gvern Irlandiż u dak Pollakk, tali approċċ ma huwiex marbut mal-istrutturi formali ddeterminati skont id-dritt nazzjonali tal-Istati Membri li jistgħu ma jurux l-attivitajiet tal-korp ikkonċernat bis-sħiħ. Jirrikonoxxi r-realtà prattika li xi istituzzjonijiet li huma strutturalment imsejħa qrati jistgħu kultant, fir-rigward porzjon mill-attività tagħhom, effettivament iwettqu "funzjonijiet amministrattivi pubbliċi", inkluż dawk relatati mal-ambjent, fis-sens tal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/4.

73. Sabiex nuri dik is-sitwazzjoni, ikkunsidraw qorti li tiddeċiedi tibni bini ġdid għaliha nnifisha. Torri, pereżempju. Kostruzzjoni ta' tali kobor probabbli teħtieġ li tikkonforma ma' numru ta' rekwiżiti ambjentali. Tali attività ma hijiex fl-isfera ta' "kapaċità ġudizzjarja", iżda waħda amministrattiva, u bħala tali probabbli ta' "funzjoni amministrattivi pubbliċi […] fejn jidħol l-ambjent". Dan jista' jinkludi wkoll l-obbligu li jiġu ssodisfatti kwalunkwe talbiet ta' aċċess għal dokumenti skont id-Direttiva 2003/4, kif ukoll kwalunkwe obbligi ulterjuri li joħorġu minn dik id-direttiva.

74. Ċertament, dan kollu jiddependi fuq l-arranġament istituzzjonali preċiż ta' Stat Membru. Jista' jkun li ma tkunx (teknikament) il-qorti li qiegħda tibni l-faċilitajiet ġodda, iżda forsi ministeru jew awtorità pubblika oħra li qiegħed jaġixxi f'isimha. Madankollu, jekk nassumu li sejra tkun verament il-qorti bħala persuna legali li sejra tkun qiegħda tibni l-bini l-ġdid, għal dik l-*attività speċifika*, dik il-qorti tista' tkun mitluba li tiżvela "tagħrif ambjentali" relatat ma' dik il-kostruzzjoni peress li qiegħda taġixxi f'kapaċità amministrattiva.

[24] Ara, fir-rigward ta' diskussjoni simili dwar l-Artikolu 15(3) TFUE, il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Il-Kummissjoni vs Breyer (C-213/15 P, EU:C:2016:994, punti 52 sa 64).

75. It-tielet, tali approċċ jieħu inkunsiderazzjoni l-formulazzjoni wiesgħa ta' "awtorità pubblika", iżda jinterpreta dik il-formulazzjoni raġonevolment, li jibqa' marbut mal-loġika u l-ispirtu tal-Konvenzjoni ta' Aarhus. Bħala tali, jinkoraġġixxi u jiżgura parteċipazzjoni mill-pubbliku f'dawk is-sitwazzjonijiet fejn it-teħid tad-deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet ambjentali *attwalment* qiegħed iseħħ.

### *5. Konklużjoni interim*

76. Fil-qosor, id-definizzjoni tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/4 la għandha tkun interpretata bħala li għandha interpetazzjoni purament "funzjonali" u lanqas purament "istituzzjonali". Minflok, huwa ssuġġerit *tifsira istituzzjonali b'funzjoni korrettiva.*

77. Dak essenzjalment ifisser li qrati jew il-ġudikaturi ta' Stat Membru, *huma esklużi* mill-kamp ta' applikazzjoni tad-definizzjoni tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/4, *sakemm* korp ġudizzjarju attwalment iwettaq funzjonijiet amministrattivi pubbliċi, probabbilment taħt il-punt (b) ta' dik id-dispożizzjoni.

78. Dik l-evalwazzjoni hija madankollu diġà inerenti fid-diviżjoni bejn il-"funzjonijiet amministrattivi" (u *a contrario* "funzjonijiet ġudizzjarji") fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(2). F'dak ir-rigward, il-kwalifika ta' "kapaċità ġudizzjarja" fit-tieni subparagrafu tal-istess dispożizzjoni tikkonferma l-konklużjoni li diġà wasalna għaliha, iżda ma tikkostitwixxix esklużjoni oħra, b'kuntrast mas-sitwazzjoni fil-kawża Flachglas. Fi ftit kliem, dak li huwa diġà (b'mod permanenti) eskluż, barra ma għandux għalfejn jerġa' jiġi eskluż (temporanjament).

## *B. Proċessi ġudizzjarji u l-funzjoni ġudizzjarja*

79. Dik il-konklużjoni tagħti lok għal numru ta' kwistjonijiet oħra. L-ewwel kwistjoni tirrigwarda d-distinzjoni magħmula bejn attivitajiet ta' natura "ġudizzjarja" u attivitajiet imwettqa "f'kapaċità amministrattiva". B'mod partikolari, ir-rekords tal-qorti huma dejjem miżmuma jew amministrati fl-eżerċizzju ta' kapaċità ġudizzjarja? It-tieni kwistjoni tirrigwarda l-mod li fih dik il-linja għandha tiġi interpretata b'mod ġenerali, b'mod partikolari l-kjarifika ta' x'inhi l-funzjoni standard tal-qrati, jiġifieri dak li huwa r-regola u dak li huwa l-eċċezzjoni. It-tielet kwistjoni tirrigwarda l-mogħdija taż-żmien u l-konsegwenzi tiegħu fir-rigward tal-aċċess.

80. L-ewwel nett, funzjoni meta hija ġudizzjarja? La "funzjonijiet amministrattivi pubbliċi", u lanqas "kapaċità ġudizzjarja", ma huma ddefiniti fid-Direttiva 2003/4 jew fil-Konvenzjoni ta' Aarhus. Dawn l-istrumenti lanqas joffru kwalunkwe spjegazzjoni rigward l-intenzjoni leġiżlattiva wara d-distinzjoni bejn il-funzjonijiet eżerċitati f'"kapaċità amministrattiva" [25] u funzjonijiet eżerċitati f'"kapaċità ġudizzjarja" [26].

81. Ċertament, xi ispirazzjoni dwar din id-distinzjoni tista' tittieħed minn xi partijiet oħra tad-dritt (tal-Unjoni), bħal pereżempju l-parti tal-aċċess għad-dokumenti. Skont ir-Regolament (KE) 1049/2001 [27], l-esklużjoni ta' "dokumenti miktuba mill-Kummissjoni għall-għanijiet tal-proċedimenti fil-qrati" kienet interpretata sabiex tkopri biss dokumenti li għandhom

[25] Kif interpretat mil-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tal-14 ta' Frar 2012, Flachglas Torgau (C-204/09, EU:C:2012:71, punt 46).

[26] Minkejja li l-gwida tinnota, mingħajr ma tispjega, li d-deroga hija bżonnjuża "minħabba l-karattru differenti ta' tali teħid ta' deċiżjonijiet minn diversi tipi oħra ta' teħid ta' deċiżjonijiet". "Aarhus Convention: An Implementation Guide", p. 49.

[27] Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat--0 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331).

"konnessjoni rilevanti" ma' tilwima pendenti quddiem qrati nazzjonali jew il-qrati tal-Unjoni [28], sakemm dawk id-dokumenti ma ġewx miktuba għal "kwistjoni purament amministrattiva" [29]. Mill-banda l-oħra, il-kunċett tal-aħħar ta' "kwistjonijiet purament amministrattivi" kienet meqjusa li tkopri skambji ta' dokumenti barra mill-proċedimenti ġudizzjarja [30] kif ukoll dokumenti ta' ħidma [31].

82. Kunċetti simili jinsabu fir-Regolament (UE) 2016/679 [32]. Dak ir-regolament fih numru ta' esklużjonijiet mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu jew jgħid li l-ipproċessar tad-data huwa legali fir-rigward ta' "qrati li qegħdin jaġixxu f'kapaċità ġudizzjarja". Għalhekk, l-ipproċessar ta' ċertu kategoriji ta' data personali, inkluż data sensittiva, huwa permissibbli fejn "l-ipproċessar ikun meħtieġ […] kull darba li l-qrati jkunu qed jaġixxu fil-kapaċità ġudizzjarja tagħhom" (Artikolu 9(2)(f)). B'mod simili, uffiċjal għall-protezzjoni tad-data għandu jintgħażel f'kull każ fejn l-ipproċessar qiegħed isir minn awtorità jew korp pubbliku, "ħlief għal qrati li jaġixxu fil-kapaċità ġudizzjarja tagħhom" (Artikolu 37(1)(a)). Bl-istess mod, awtoritajiet ta' superviżjoni inkarigati bil-monitoraġġ tal-applikazzjoni tar-Regolament 2016/679 ma humiex kompetenti mis-superviżjoni tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar ta' "qrati li jaġixxu fil-kapaċità ġudizzjarja tagħhom" (Artikolu 55(3) ta' dak ir-regolament). Dawn l-eżempji jissuġġerixxu biċ-ċar li l-istess attivitajiet kieku jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-regolament kieku mwettqa f'"kapaċità amministrattiva".

83. Il-Gvern Pollakk issuġġerixxa li iktar indikazzjonijiet jistgħu jiġu mittieħda mill-ġurisprudenza li hemm fuq il-"*kriterju Dorsch*" u d-definizzjoni ta' x'inhu "qrati jew tribunali" fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE [33]. Huwa minnu li l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dan il-qasam hija riżorsa estensiva u utli ta' eżempji ta' natura amministrattiva, sa fejn jirrigwarda l-kriterji istituzzjonali sabiex jiġu ssodisfatti r-rekwiżiti tal-Artikolu 267 TFUE. Madankollu dawk is-sentenzi jistgħu biss joffru ispirazzjoni remota, peress li l-loġika sottostanti tal-Konvenzjoni ta' Aarhus u d-Direttiva 2003/4, hija mfassla madwar prinċipju ġenerali ta' aċċess għal tagħrif fuq ambjent [34], irrispettivament mill-istruttura istituzzjonali fi ħdan is-sistema nazzjonali tal-Istati Membri, li tħares lejn l-*attività* li tinvolvi l-immaniġġar tat-"tagħrif ambjentali" [35]. Din il-konnessjoni inevitabbli għar-*ratione materiae* iktar milli r-*ratione institutionis* tista' għalhekk twassal għal esklużjoni ikbar ta' ċertu attivitajiet milli intiż taħt kriterju li jiffoka sempliċement fuq l-attività kkonċernata.

84. Is-sentenza fil-kawża Cartesio tista' turi dak il-punt. F'dik il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja sabet li qorti ma tistax tiġi meqjusa li qiegħda twettaq funzjoni ġudizzjarja meta hija responsabbli li żżomm reġistru kummerċjali u tagħmel deċiżjonijiet amministrattivi fir-rigward tiegħu [36]. Fi kliem ieħor, dak il-korp ma jkunx "qorti jew tribunal" (fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE). Madankollu jekk ir-reġistru inkwistjoni ddokumenta kawżi tal-qorti ambjentali pendenti preżentement quddiem

[28] Sentenza tas-6 ta' Frar 2020, Compañía de Tranvías de la Coruña vs Il-Kummissjoni (T-485/18, EU:T:2020:35, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[29] Sentenza tas-6 ta' Lulju 2006, Franchet and Byk vs Il-Kummissjoni (T-391/03 u T-70/04, EU:T:2006:190, punt 91).

[30] Sentenza tat-8 ta' Frar 2018, POA vs Il-Kummissjoni (T-74/16, mhux ippubblikata, EU:T:2018:75, punt 107).

[31] Sentenza tal-20 ta' Settembru 2019, Dehousse vs Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni (T-433/17, EU:T:2019:632, punt 97).

[32] Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2).

[33] Ara s-sentenza tas-17 ta' Settembru 1997, Dorsch Consult (C-54/96, EU:C:1997:413, punti 23 sa 34).

[34] Kif stabbilit l-ewwel mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tat-22 ta' Diċembru 2010, Ville de Lyon (C-524/09, EU:C:2010:822, punt 35).

[35] Kif applikat mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Flachglas għall-attivitajiet tal-ministeru inkwistjoni. Ara l-punt 59 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[36] Sentenza tas-16 ta' Diċembru 2008, Cartesio (C-210/06, EU:C:2008:723, punt 57 u l-ġurisprudenza ċċitata).

dik il-qorti, talba għall-aċċess għal tagħrif fuq l-ismijiet ta' dawk il-kawżi skont id-Direttiva 2003/4 ma tiġix milqugħa għar-raġuni li dak il-korp aġixxa "f'kapaċità ġudizzjarja", anki jekk dak l-istess korp xorta naqas milli jissodisfa l-kriterju "Dorsch".

85. Fl-aħħar mill-aħħar, dak li huwa "ġudizzjarju" sejjer jibqa' evalwazzjoni kemxejn intuwittiva [37]: kwalunkwe ħaġa relatata mar-riżoluzzjonijiet imparzjali ta' tilwim huwa ġudizzjarju fin-natura tiegħu u għalhekk mhux kopert mill-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/4.

86. Rekords tal-qorti fi proċess ġudizzjarju, l-assemblaġġ, l-amministrazzjoni, l-użu u l-ħażna tagħhom huma, fil-fehma tiegħi, parti ċara tal-proċess ġudizzjarju, tal-attività ġudizzjarja. Naturalment ċertu ammont ta' xogħol amministrattiv sejjer jidħol fil-preparazzjoni tar-rekords tal-qorti. Madankollu dawk l-inkarigi ma humiex amministrattivi fin-natura tagħhom. Huma marbuta b'mod inerenti ma tilwima partikolari u s-soluzzjoni tagħha.

87. It-tieni, immorru lura għall-kwistjoni tad-definizzjoni ġenerali, żewġ elementi ta' min wieħed jinnotahom: minn naħa, fir-rigward tal-qrati, in-natura "ġudizzjarja" tal-attivitajiet tagħhom hija r-regola, filwaqt li l-attivitajiet ta' natura "amministrattiva" hija l-eċċezzjoni. Min-naħa l-oħra, id-definizzjoni tal-kunċetti tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/4 hija kwistjoni tad-definizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-istrument, u mhux eċċezzjoni li jkollha tiġi interpretata b'mod dejjaq.

88. Dawk l-elementi jfissru li, l-ewwel, jekk l-istituzzjoni li qiegħda taġixxi hija qorti, mela r-regola standard hija li hija probabbli sejra taġixxi f'kapaċità ġudizzjarja, sakemm ma hijiex stabbilita li l-attività speċifika inkwistjoni hija fil-fatt ta' natura amministrattiva. It-tieni, iż-żewġ kunċetti għandhom jiġu interpretati raġonevolment: jew, aħjar, jekk kwalunkwe ħaġa kellha tiġi interpretata b'mod dejjaq, kieku tkun il-kapaċità amministrattiva tal-qrati, peress li dik hija fil-fatt l-eċċezzjoni. Madankollu, dan kollu jirrelata mad-definizzjoni ta' dak li jikkostitwixxi "funzjonijiet amministrattivi pubbliċi skond il-liġijiet nazzjonali" għall-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2003/4.

89. Fit-tfittxija tad-determinazzjoni ta' liema attivitajiet ta' qorti jaqgħu taħt liema kunċett, huwa possibbli li ġeneralment, iżda mhux dejjem, bħala regola tista' tkun li wieħed iħares lejn il-persuna li tagħti d-deċiżjoni f'isem l-istituzzjoni. Pereżempju, imħallef jagħti sentenza jista' jitqies li qiegħed jaġixxi f'"kapaċità ġudizzjarja". B'kuntrast ma' dan, l-amministratur tal-faċilità tal-qorti jew persuna oħra inkarigata milli tiffirma kuntratt għall-installazzjoni tal-pannelli solari fuq il-bejt tal-binjiet tal-qorti x'aktarx ikun qiegħed iwettaq "funzjonijiet amministrattivi pubbliċi [...] fejn jidħol l-ambjent".

90. It-tielet, u għal raġunijiet simili, il-loġika ta' "temporalità" tal-kawża Flachglas, imressqa mir-rikorrenti u mill-Kummissjoni, ma hijiex sempliċement trasponibbli hawnhekk. Fil-fatt, kif spjegajt fil-punt 62 ta' dawn il-konklużjonijiet, dik il-loġika kienet żviluppata fi sfond ta' istituzzjoni li taqa' b'mod ċar fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/4, filwaqt li qrati li jaġixxu f'kapaċità ġudizzjarja ma jaqgħux fl-istess kamp ta' applikazzjoni. Fil-kawża Flachglas, il-loġika ta' temporalità kienet kompletament iġġustifikata fir-rigward tad-dewmien ta' eċċezzjoni; fil-każ preżenti, hija kwistjoni ta' definizzjoni. Barra minn hekk, fil-kawża Flachglas, il-limitazzjoni kienet neċessarja sabiex jiġi aċċertat li l-prinċipju ta' demokrazija parteċipatorja,

37 Forsi b'tip differenti ta' intwizzjoni involut milli dak issuġġerit mill-Imħallef Stewart tal-United States Supreme Court (il-Qorti Suprema tal-Istati Uniti) test tal-limitu kif tidentifika materjal oxxen: "Nagħrfu meta narah". Ara s-sentenza Jacobellis vs Ohio, 378 U.S. 184 (1964).

komuni għat-tradizzjonijiet tal-Istati Membri u stabbilit fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 10(2) TUE[38], ikun irrikonċiljat mal-possibbiltà li *attwalment* jostakola il-funzjonament tajjeb tal-proċess leġiżlattiv[39].

91. Kuntrarjament għall-ġurisprudenza fuq l-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 1049/2001, dik l-evalwazzjoni ma tinbidilx ladarba l-proċeduri huma magħluqa[40]. L-eċċezzjoni f'dak ir-regolament huwa konness mat-tul ta' *tilwima* ("proċeduri tal-qorti"), filwaqt li d-deroga fid-Direttiva 2003/4 hija konnessa mat-tul ta' *attività* ("funzjonijiet amministrattivi pubbliċi", minn naħa, jew li jaġixxi f'"kapaċità ġudizzjarja", min-naħa l-oħra). Korp jew istituzzjoni li jaġixxi f'kapaċità ġudizzjarja, bħala prinċipju ma jiqafx jagħmel xi ħaġa sempliċement minħabba l-mogħdija taż-żmien. Il-ħxuna tas-saff tat-trab fuq proċess tal-qorti, ma jagħmilx dak il-proċess inqas "ġudizzjarju". Il-ġudikatura ma tibdilx irwoli jew tieqaf milli taġixxi bħala ġudikatura f'ċertu punti taż-żmien. Fil-kliem tal-Avukat Ġeneral Sharpston, l-attività tagħha f'dik il-kapaċità "la għandha bidu u lanqas tmiem"[41].

92. Fi kwalunkwe każ, minbarra l-argumenti normattivi rigward għaliex l-argument tat-"temporalità" ma jistax japplika għax-xogħol tal-ġudikatura, dik il-konklużjoni hija enfasizzata wkoll b'iktar argumenti operattivi. Huwa minnu, hekk kif tinnota l-qorti tar-rinviju, li jidher li huwa komuni li "l-istadju attiv tal-proċeduri" jista' jkun kopert mid-deroga tal-"kapaċità ġudizzjarja". Madankollu, fejn tiġbed il-linja qabel, fin-nofs, u wara? Il-qorti tar-rinviju tispjega li, taħt id-dritt Irlandiż, l-għoti tad-digrieti finali u l-iskadenza tat-terminu għall-appell, jew l-għoti tad-digrieti finali fi kwalunkwe appell, mhux neċessarjament jirrappreżentaw il-konklużjoni definittiva tal-proċeduri rilevanti quddiem il-qrati Irlandiżi. X'regoli għalhekk għandhom japplikaw imbagħad għall-proċess li wieħed jirċievi l-kawża, l-ispezzjoni tal-proċess għall-kompletezza, u l-kompiti amministrattivi l-oħra li għadhom ma ndikawx in-natura "attiva" tal-proċeduri? Dak l-istadju ma huwiex attività ta' "kapaċità ġudizzjarja"? X'jiġri f'każ ta' sospensjoni ta' proċeduri waqt li l-kawża tkun qiegħda tiġi eżaminata? Bl-istess mod, ladarba sentenza hija ffinalizzata, naturalment hemm ċertu perijodu ta' żmien li fih il-pubblikazzjoni tagħha hija ppreparata. Ma hemm l-ebda raġuni għala d-dispożizzjonijiet dwar l-aċċess għal dokumenti taħt il-Konvenzjoni ta' Aarhus jew id-Direttiva 2003/4 għandhom japplikaw. F'liema stadju l-"kapaċità ġudizzjarja" tal-korp inkarigat bid-deċiżjoni tal-każ jieqaf jeżisti?

93. Dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha għal darba oħra jenfasizzaw il-problemi tat-tfittxija li tiġi ssostitwita id-definizzjoni inizjali tal-kamp ta' applikazzjoni ta' strument, li suppost hija stabbli u sa ċertu punt permanenti fuq pjan istituzzjonali, bħalma huwa l-każ bid-definizzjoni fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/4, bil-loġika ta' deroga temporali mqiegħda bħala kjarifika jew eċċezzjoni fit-tieni subparagrafu ta' dik id-dispożizzjoni.

94. Żewġ kunsiderazzjoni ġenerali finali jistgħu jiġu miżjuda f'dan l-istadju.

95. L-ewwel, fir-rigward tal-għanijiet, ma narax kif l-għan li tiżdied il-parteċipazzjoni demokratika f'kwistjonijiet ambjentali, invokata repetutament mir-rikorrenti, tkun tapplika bl-istess mod lill-ġudikatura. Kif tisħaq l-Irlanda, il-ġudikatura tipikament tippreżenta kredenzjali leġittimattivi differenti minn kwalunkwe fergħa ta' poter tal-Istat. F'proċedura *inter*

38 Ara, f'dak is-sens is-sentenza tal-4 ta' Settembru 2018, ClientEarth vs Il-Kummissjoni (C-57/16 P, EU:C:2018:660, punt 84 u l-ġurisprudenza ċċitata).

39 Ara, f'dak is-sens is-sentenza tal-14 ta' Frar 2012, Flachglas Torgau (C-204/09, EU:C:2012:71, punt 43).

40 Ara s-sentenza tal-21 ta' Settembru 2010, Svezja *et* vs API u Il-Kummissjoni (C-514/07 P, C-528/07 P u C-532/07 P, EU:C:2010:541, punti 130 u 131).

41 Konklużjoniet tal-Avukat Ġenerali Sharpston fil-kawża Flachglas Torgau (C-204/09, EU:C:2011:413, punt 73).

*partes*, il-parametri għaż-żieda tal-leġittimità ma humiex marbuta mal-għoti tal-aċċess l-iktar wiesa' possibbli għall-proċess tal-qorti. Minflok, joħorġu minn diskors kritiku legali, fejn hemm bżonn, waqt seduta pubblika u stabbiliti f'sentenza. Id-Direttiva 2003/4 ma kinitx intiża sabiex tbiddel id-diskors *inter partes* li huwa fil-qalba tal-proċeduri ġudizzjarji.

96. It-tieni, bl-istess mod ma nemminx li d-Direttiva 2003/4, jew il-Konvenzjoni ta' Aarhus, kienu intiżi sabiex iġibu indaqs is-sempliċi pussess potenzjali ta' dokumenti relatati mal-ambjent suġġetti għad-dmir sħiħ ta' żvelar. Kieku dan kien il-każ, kwalunkwe dipartiment tal-IT ta' awtorità pubblika, jew kwalunkwe terz, inkluż forsi korpi ta' sigurtà nazzjonali, ikunu taħt dmir li jiżvelaw "tagħrif ambjentali" fil-pussess tagħhom fuq talba, suġġett biss għall-eċċezzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 4 tal-Konvenzjoni ta' Aarhus u d-Direttiva 2003/4, mingħajr, madankollu, ma jkollhom irwol fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet sottostanti għal liema tappartjeni dik l-informazzjoni. Dan ineħħi kull sens mill-istess għan ta' parteċipazzjoni miżjuda tal-pubbliku fit-teħid ta' deċiżjonijiet *ambjentali*[42]. Fil-fatt, peress li hija l-awtorità amministrattiva li adottat id-deċiżjoni, mhux ċar kif l-aċċess għat-tagħrif ambjentali fir-rekords tal-qorti jista' javvanza dak il-proċess[43]. Dan huwa l-każ partikolarment meta wieħed jikkunsidra li d-dispożizzjoni limitata tal-aċċess ikun iwassal għal informazzjoni żbilanċata *fi ħdan* il-"pubbliku"[44]. Konsegwentement, it-"tagħrif ambjentali", jekk fil-fatt ikun hemm, għandu jiġi jew mill-awtorità pubblika fil-qalba taċ-ċentru tat-teħid tad-deċiżjonijiet, jew ikun jinsab fir-raġunament tas-sentenzi pubbliċi tal-qrati.

## *C. Il-kawża preżenti*

97. Kif stabbilit fis-sezzjonijiet preċedenti ta' dawn il-konklużjonijiet, qrati bħala standard jaġixxu f'kapaċità ġudizzjarja sakemm, fir-rigward ta' attività speċifika, ikunu qegħdin iwettqu funzjonijiet amministrattivi pubbliċi fis-sens tal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/4. Mill-banda l-oħra, għall-attivitajiet kollha mwettqa f'kapaċità ġudizzjarja, dawk il-korpi jew istituzzjonijiet jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-direttiva.

98. Dik hija r-risposta ġenerali. Il-fatt partikolari ta' din il-kawża madankollu huwa li filwaqt li t-talba tal-aċċess tar-rikorrenti kienet ippreżentata mill-High Court (il-Qorti Għolja), kien fil-fatt id-Dipartiment Amministrattiv għall-Qrati, għar-raġuni tal-istruttura istituzzjonali tal-ġudikatura Irlandiża, li kellu l-pussess tad-dokumenti kkonċernati[45].

99. Issa huwa xieraq li mmorru lura[46] għal dak id-disinn strutturali speċifiku u nistaqsu għalfejn id-Dipartiment Amministrattiv għall-Qrati, korp distint mill-qrati nazzjonali, jista' jiġi kopert mid-definizzjoni ta' "awtorità pubblika" meta jkun qiegħed iżomm ir-rekords ta' kawżi magħluqa.

100. Id-Dipartiment Amministrattiv għall-Qrati, il-konvenut u l-Irlanda jispjegaw li d-Dipartiment Amministrattiv għall-Qrati huwa entità indipendenti privata stabbilita u inkarigata biż-żamma u l-ħażna ta' rekords tal-qorti għall-ġudikatura fl-Irlanda.

42 Ara l-premessa 1 tad-Direttiva 2003/4 u l-preambolu tal-Konvenzjoni ta' Aarhus.

43 Ara s-sentenza tal-14 ta' Frar 2012, Flachglas Torgau (C-204/09, EU:C:2012:71, punt 40).

44 Ara, f'dak is-sens, il-premessa 7 tad-Direttiva 2003/4. Dawk il-kunsiderazzjonijiet japplikaw qabel kwalunkwe influwenza potenzjali fuq il-proċedimenti tal-awtoritajiet pubbliċi fis-sens tal-Artikolu 4(a) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus u l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2003/4.

45 Ara punti 12 u 13 ta' dawn il-konklużjonijiet.

46 Ara iktar 'il fuq, punti 22 sa 25 ta' dawn il-konklużjonijiet.

101. Filwaqt li dik fil-fatt hija kwistjoni ta' dritt nazzjonali, mill-perspettiva tal-istruttura istituzzjonali tagħha, id-Dipartiment Amministrattiv għall-Qrati, entità privata taħt id-dritt Irlandiż, għalhekk ma jidhirx li jifforma parti mill-"amministrazzjoni governattiva jew amministrazzjoni oħra pubblika", fis-sens tal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/4. Peress li l-funzjonijiet tagħha ma humiex tali li jammontaw għal li "jwettqu funzjonijiet amministrattivi pubbliċi skond il-liġijiet nazzjonali"[47], fis-sens tal-ġurisprudenza[48], hija wkoll tidher li taqa' barra mid-definizzjoni tal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(2)(b). Dak huwa l-każ fuq livell istituzzjonali; sa fejn il-funzjoni speċifika hija kkonċernata, dik it-tweġiba hija mbagħad loġikament konnessa man-natura tal-ġestjoni tal-proċessi tal-qorti.

102. Dak iħalli biss il-punt (ċ) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/4, li jkopri "kull persuna [...] legali li jkollhom responsabbiltajiet jew funzjonijiet pubbliċi, jew li jipprovdu servizzi pubbliċi, li jkollhom x'jaqsmu ma' l-ambjent taħt il-kontroll ta' korp jew persuna li jidħlu fil-(a) jew fil-(b)".

103. Fil-qalba tagħha, l-aħħar dispożizzjoni tfittex tkopri s-sitwazzjoni tal-entitajiet naturali jew legali li jwettqu kompiti pubbliċi taħt il-kontroll ta' korp jew istituzzjoni pubblika. Għalhekk, entitajiet li huma mill-bqija koperti mill-punt (a) u (b) ta' dik id-dispożizzjoni ma jistgħux "jevitaw" il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/4 billi jiddelegaw il-kompiti amministrattivi pubbliċi tagħhom lil entità oħra, anki jekk waħda privata.

104. Sabiex inkunu ċari, ma hemm l-ebda indikazzjoni, u lanqas nixtieq nimplika, li dik kienet l-intenzjoni tal-Irlanda meta stabbilixxiet id-Dipartiment Amministrattiv għall-Qrati. L-għażla ta' fejn jinżammu ir-rekords tal-qrati pendenti jew magħluqa hija kompletament f'idejn is-sistemi nazzjonali tal-Istati Membri. Nixtieq biss nispjega li t-tielet għażla pprovduta mil-leġiżlatur tkopri "delegazzjonijiet" lil terzi, privati jew pubbliċi, bil-għan li tiġi kkontrollata d-delega ta' attivitajiet.

105. Madankollu, dak li huwa fundamentali huwa l-fatt li sabiex jaqgħu taħt il-punt (ċ), il-"prinċipal" u l-"attivitajiet" tiegħu għandhom huma stess ikunu koperti bil-punti(a) u (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(2) ta-Direttiva 2003/4. Wara kollox, l-"aġent" għandu jieħu s-sors ta' awtorità tiegħu mill-prinċipal sabiex ikun kopert minn tal-ewwel.

106. Kif spjegajt fit-taqsimiet ta' qabel ta' dawn il-konklużjonijiet, qrati ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/4 sakemm ma jaġixxux f'kapaċità amministrattiva. Iż-żamma ta' rekords ġudizzjarji u l-ġestjoni tal-proċessi tal-qorti ma humiex relatati, b'mod ċar, mal-kapaċità amministrattiva, iżda huma ta' natura ġudizzjarja. Għalhekk, sa fejn huwa stabbilit dan, il-"prinċipal", hawnhekk il-High Court (il-Qorti l-Għolja), ma huwiex kopert bil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-direttiva, lanqas l-aġent tiegħu ma huwa sejjer ikun għal dik it-tip ta' attività, sakemm in-natura ta' dik l-attività huwa ppreżervat.

107. Dan jidher li huwa l-każ hawnhekk. Kif tispjega l-qorti tar-rinviju permezz ta' referenza għal ġurisprudenza, leġiżlazzjoni, regoli u linji gwida ta' prattika estensivi, id-Dipartiment Amministrattiv għall-Qrati ma jeżerċità l-ebda funzjoni awtonoma fil-manteniment u ż-żamma tal-proċess tal-qorti. Huwa jwettaq attivitajiet esklużivament f'isem u taħt is-superviżjoni

[47] Għall-inqas taħt l-interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali kif ipprovdut mill-konvenut fil-Kawża CEI/15/0008 An Taisce & The Courts Service, p. 3.

[48] Sentenza tad-19 ta' Diċembru 2013, Fish Legal and Shirley (C-279/12, EU:C:2013:853, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata).

tal-ġudikatura[49]. Billi jagħmel hekk, ma jistax jeżerċita l-attivitajiet tiegħu b'tali mod li jindaħal fil-kondotta tax-xogħol tal-qrati[50]. Tali superviżjoni ma tispiċċax meta l-proċeduri jiġu konklużi[51]. Mill-informazzjoni pprovduta mill-qorti tar-rinviju, f'dak li jirrigwarda l-operat tiegħu, id-Dipartiment Amministrattiv għall-Qrati, għalkemm korp distint, għandu funzjoni li ma hijiex differenti minn dik ta' dipartiment jew reġistru ta' ħażna interna li jifforma parti mill-istess struttura istituzzjonali bħala qorti. L-attivitajiet tiegħu ta' ħażna, arkivjar u ġestjoni tar-rekords tal-qorti, fi kwalunkwe każ, jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

108. Għalhekk, fl-aħħar nett, għandha tkun in-natura tal-attività mwettqa, u mhux neċessarjament l-istruttura istituzzjonali eżatta fi Stat Membru li tkun rilevanti. Li kieku bil-kontra, l-applikabbiltà tad-Direttiva 2003/4 kienet tiddependi fuq id-diviżjoni strutturali għalkemm formali ta' fejn il-proċessi huma fiżikament merfugħa u amministrati. Minbarra l-fatt li dan jista' jħeġġeġ li jkun hemm ċertu forma strateġika ta' strutturi istituzzjonali nazzjonali, tali approċċ bilkemm ikun jissodisfa ugwalment il-bżonn ta' uniformità ta' interpretazzjoni u ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/4 u l-Konvenzjoni ta' Aarhus[52].

## *D. Rimarki finali*

109. Fl-aħħar, kuntrarju għal dak li qegħdin jargumentaw ir-rikorrenti u l-Kummissjoni, il-konklużjoni ta' hawn fuq ma tagħmilx aċċess għat-tagħrif ambjentali impossibbli, sakemm tali tagħrif ikun inkluż fi proċess ġudizzjarju. Dan sempliċement juri li l-istrument individwali invokat mir-rikorrenti ma huwiex il-mod korrett għal tali aċċess. Dak l-istrument ma jirregolax it-tip ta' aċċess imfittex mir-rikorrent. Madankollu, dak naturalment ma jipprekludix li l-modi normali disponibbli għal tali aċċess ma għadhomx iktar possibbli.

110. L-ewwel, hemm ir-regoli nazzjonali fuq l-aċċess għal proċessi ġudizzjarji u rekords. Ma huwiex kompitu tiegħi li ngħaddi xi kummenti fuq dawk ir-regoli, iżda ngħad li l-amministrazzjoni tal-ġustizzja miftuħa hija prinċipju tad-dritt (kostituzzjonali) Irlandiż[53]. Madankollu, kif spjegat mill-intervenjent f'din il-kawża, il-ġurisprudenza Irlandiża tista' tvarja fuq il-kwistjoni ta' sa fejn terzi jistgħu jitolbu aċċess għad-dokumenti taħt dik il-proċedura. Madankollu, dik hija kwistjoni ta' dritt nazzjonali esklużiva għall-qrati Irlandiżi sabiex isolvu. Minn perspettiva tad-dritt tal-Unjoni, dik il-kwistjoni bilkemm għandha tittieħed inkunsiderazzjoni meta tiġi interpretata d-Direttiva 2003/4.

111. It-tieni, l-awtorità amministrattiva nazzjonali li adottat id-deċiżjoni kkontestata jew id-deċiżjonijiet ikkontestati li ġew sussegwentement eżaminati mill-qrati nazzjonali naturalment tibqa' suġġetta għar-regoli dwar aċċess għat-"tagħrif ambjentali" tad-Direttiva 2003/4, kif trasposti fir-Regolamenti AIE. Għall-għanijiet tad-deċiżjoni sottostanti Balz & Anor vs An Bord Pleanála, nifhem li dik ittieħdet jew mill-Kunsill ta' Cork County (bħala l-awtorità tal-ippjanar lokali) jew An Bord Pleanála (bħala l-awtorità li twettaq eżami mill-ġdid). Filwaqt li dak ikun naturalment għall-qrati nazzjonali sabiex jevalwaw, wieħed jista' jassumi li dawk l-istituzzjonijiet jistgħu jkunu koperti mid-definizzjonijiet fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/4 rispettivament.

[49] Kif spjegat mil-konvenut fid-deċiżjoni tiegħu fil-Kawża CEI/15/0008 An Taisce & The Courts Service), p. 5 sa 6. Ara wkoll Baker J., fi BPSG Limited trading as Stubbs Gazette vs The Courts Service & Others [2017] 2 I.R. 243, punti 68 u 71.

[50] Kif jidher stabbilit fit-Taqsima 9 tal-Courts Service Act 1988 (l-Att dwar id-Dipartiment Amministrattiv għall-Qrati tal-1998).

[51] Ara l-Kawża CEI/15/0008 An Taisce & The Courts Service, p. 6.

[52] Sentenza tal-14 ta' Frar 2012, Flachglas Torgau (C-204/09, EU:C:2012:71, punt 50).

[53] Ara, f'dan ir-rigward pereżempju s-sentenza ta' Hogan J., fil-kawża Allied Irish Bank plc vs Tracey (Nru 2) [2013] IEHC 242, punti 21 sa 23.

112. Fir-rigward ta' dak il-punt tal-aħħar, ma nixtieqx nissuġġerixxi li l-liġijiet tal-Istati Membri għandhom ifittxu li jirrepplikaw is-sitwazzjoni insodisfaċenti li teżisti fil-fehma tiegħi taħt id-dritt tal-Unjoni, fejn individwi huma diretti lejn parti istituzzjonali tal-proċeduri tal-qorti sabiex jiksbu aċċess għal parti mill-proċess tal-qorti[54]. Madankollu, f'sitwazzjonijiet bħal f'din il-kawża, talba għall-aċċess dwar tagħrif ambjentali rigward it-teħid ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet ambjentali tista' tiġi ppreżentata lill-istituzzjonijiet li qegħdin effettivament jieħdu d-deċiżjonijiet tal-ippjanar u reviżjoni. Dak huwa preċiżament, għall-inqas fil-fehma forsi dejqa tiegħi tal-proċess, eżattament l-għanijiet li huma mistennija li jintlaħqu mid-Direttiva 2003/4 u mill-Konvenzjoni ta' Aarhus: li individwi jkunu jistgħu jiksbu tagħrif u għalhekk possibbilment jkunu jistgħu jinfluwenzaw it-teħid ta' deċiżjonijiet *fl-istadju* fejn dak it-teħid ta' deċiżjonijiet ikun attwalment qiegħed iseħħ.

113. Nibqa' tal-fehma li, ġeneralment, ma hemm l-ebda raġuni li jiġi miċħud aċċess għal-proċess lil *kwalunkwe* individwu *f'każijiet magħluqa*, sakemm ma hemmx raġunijiet ċari u imperattivi kontra tali żvelar f'każ individwali[55]. Tali ftuħ tal-ġudikatura isaħħaħ il-leġittimità ġenerali tal-qrati u jtejjeb il-kwalità tal-ġustizzja[56].

114. Madankollu, prinċipju ugwalment importanti huwa dak tal-kompetenza attribwita u l-imperattiv li tiġi interpretata leġiżlazzjoni fil-konfini ta' x'tista' tfisser raġonevolment. Interpretata b'dak il-mod, fil-fehma tiegħi, id-Direttiva 2003/4 tibqa' siekta fuq l-aċċess għall-proċessi tal-qorti. Dik hija kwistjoni ta' dritt nazzjonali. Forsi, f'xi punt, id-dritt tal-Unjoni jista' fil-fatt jipprovdi għal tali aċċess. Madankollu, sakemm jiġri dan, li tisforza bidla fid-dritt nazzjonali jew prattika fuq aċċess għar-rekords tal-kawżi magħluqa permezz ta' estensjoni mhux naturali tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, li hija intiża għal għan differenti, ma hijiex forsi l-aħjar mod li wieħed jipproċedi, ċertament mhux għal din il-Qorti tal-Ġustizzja.

## V. Konklużjonijiet

115. Nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi d-domanda preliminari magħmula mill-High Court (il-Qorti Għolja, l-Irlanda) bil-mod segwenti:

"L-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Diretiva tal-Kunill 90/313/KEE, għandu jiġi interpretat bħala li jfisser li l-kontroll tal-aċċess għar-rekords tal-qrati, kemm jekk huwa mwettaq minn qorti, jiġifieri korp formalment parti mill-ġudikatura, jew minn entità privata stabbilita għall-istess għan u li taġixxi f'isem u taħt il-kontroll tal-ġudikatura, tikkostitwixxi attività barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni."

[54] Ara s-sentenza tat-18 ta' Lulju 2017, Il-Kummissjoni vs Breyer (C-213/15 P, EU:C:2017:563, punti 54 sa 55).

[55] Fid-dettall, ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Il-Kummissjoni vs Breyer (C-213/15 P, EU:C:2016:994).

[56] *Ibid.*, punti 93 sa 104 u 118 sa 142.